



Il-Kummissjoni
Ewropea

Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja għal kulħadd:

X'inhuma l-benefiċċji?



Ewropa Soċjali



Ċittadini

“ Jien ħadt seba’ xhur liv tal-ġenituri. Stajt nqatta’ ħafna ħin mat-tifla tagħna u marti setgħet tmur lura għax-xogħol qabel u tkompli bil-karriera tagħha. ”

Mateusz Hanslik, kirurgu ortopediku ta’ 36 sena u missier ta’ tlieta, il-Polonja

L-inizjattiva tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tippromwovi d-drittijiet taċ-ċittadini kollha għal-liv xieraq u arranġamenti flessibbli tax-xogħol.

Dan jinkoraġġixxi tqassim ugwali tar-responsabbiltajiet tal-kura bejn in-nisa u l-irġiel, li se jibbenefikaw minnu ċ-ċittadini billi:

- jgħin lill-ħaddiema — kemm irġiel kif ukoll nisa — biex jibbilanċjaw ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-kura tagħhom;
- jiżgura li l-irġiel, kif ukoll in-nisa, ikollhom l-opportunità li jqattgħu ħin biex jieħdu ħsieb il-maħbubin tagħhom;
- ineħħi l-ostakli għall-iżvilupp tal-karriera tan-nisa u għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol;
- inaqqas ir-riskju tan-nisa li jiġu esposti għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;
- jippromwovi opportunitajiet ugwali;
- iħalli lill-ħaddiema b’responsabbiltajiet tal-kura jibqgħu jaħdmu;
- jappoġġa s-saħħa fiżika u mentali u l-benesseri tal-persuni li jindokraw.



Impjegaturi

“ Il-provvediment ta' kura tat-tfal fuq il-post għall-impjegati tal-isptar ippermetta lill-ġenituri jerrgħu lura għax-xogħol u għen biex jitnaqqas in-nuqqas ta' persunal, speċjalment għall-infermiera. ”

Zuzana Janoušková, Kap Maniġerjali, Kindergarten għall-persunal bit-tfal fl-Isptar tal-Università Ġenerali ta' Praga, ir-Repubblika Ċeka

L-inizjattiva tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja mhux biss se tappoġġa liċ-ċittadini, iżda ġġib ukoll benefiċċji għan-negozji.

Il-promozzjoni tat-tqassim ugwali tar-responsabbiltajiet tal-kura bejn in-nisa u l-irġiel se tkun ta' benefiċċju għall-impjegaturi billi:

- iżżid id-diversità tal-forzi tax-xogħol u l-ftuħ ta' grupp usa' ta' talent;
- tgħin biex jinżammu ħaddiema b'talent u tas-sengħa li altrimenti jistgħu jitolqu mis-sug tax-xogħol;
- itejjeb il-produttività, il-motivazzjoni u l-progress tal-karriera tal-impjegati;
- tnaqqas l-assenzi mix-xogħol u l-ispejjeż tas-sostituzzjoni tal-persunal.



Pajjiżi tal-UE

“ [Billi jipprovdi taħriġ dwar arranġamenti ta’ xogħol flessibbli, taħriġ f’ambitu professjonali u diversità bejn is-sessi], il-proġett kien impetus reali għal impjegaturi u muniċipalitajiet biex jimplimentaw miżuri siguri għall-familja fuq il-post tax-xogħol. ”

Rasmina Čepkauskienė, Direttur taċ-Ċentru Kaunas ta’ Informazzjoni dwar l-Impjegi tan-Nisa, il-Litwanja

L-inizjattiva tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja se tinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki madwar l-UE biex tappoġġa t-tfassil tal-politika nazzjonali.

L-introduzzjoni ta’ politiki li jipromwovu tqassim ugwali tar-responsabbiltajiet tal-kura bejn in-nisa u l-irġiel se tkun ta’ benefiċċju għall-Pajjiżi tal-UE billi:

- żżid ir-rati tal-impjegi;
- tgħin biex jiġu indirizzati t-tixjiħ u t-tnaqqis fil-forza tax-xogħol;
- tnaqqas l-infiq fuq il-benefiċċji tal-qgħad u l-kura tas-saħħa (grazzi għal forzi tax-xogħol aktar b’saħħithom);
- fl-aħħar mill-aħħar, iżżid il-PDG, id-dħul, id-dħul mit-taxxa u l-konsum.

Lejn tqassim ugwali tal-kura

L-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja: Appoġġ għall-ġenituri u l-persuni li jindokraw li jaħdmu madwar l-UE

Ir-responsabbiltajiet tal-kura fl-UE jibqgħu maqsumin b'mod inugwali min-nisa u l-irġiel, jiġifieri n-nisa ta' età tax-xogħol huma 18 % inqas probabbli mill-irġiel li jkollhom xogħol full-time.

Din l-inugwaljanza tiswa lill-UE € 370 biljun kull sena u tagħmilha diffiċli għan-nisa biex jagħmlu progress fil-karrieri tagħhom. Differenzi kbar fl-impjegi, fil-pagi u fil-pensjonijiet ifissru li n-nisa jsibu ruħhom ukoll f'riskju ikbar ta' faqar u esklużjoni soċjali.

Bl-inizjattiva ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li tindirizza dawn il-kwistjonijiet billi tippromwovi tqassim ugwali tar-responsabbiltajiet tal-kura bejn in-nisa u l-irġiel. L-inizjattiva tipproponi:

- standards minimi ġodda, jew ogħla, għal-liv tal-ġenituri, tal-paternità u tal-persuna li tindokra;
- arranġamenti tax-xogħol flessibbli għall-ġenituri u għall-persuni li jindokraw.
- infurzar aħjar tad-drittijiet eżistenti tal-UE, finanzjament tal-UE għal servizzi ta' kura, skambju tal-aħjar prattiki, u data mtejba fil-livell tal-UE.

Kont taf?

Inqas minn żewġ terzi tan-nisa ta' bejn l-20 u l-64 sena madwar l-UE huma impjegati, meta mqabbla ma' **aktar minn tliet kwarti tal-irġiel**.

In-nisa jgattgħu wkoll medja ta' **22 siegħa fil-ġimgħa** fuq xogħol u kura mhux imħallsa — meta mqabbel ma' inqas minn **10 sigħat** għall-irġiel — u huma madwar **erba' darbiet aktar probabbli** mill-irġiel li jaħdmu part time.

Dawn id-differenzi jfissru li d-differenza medja fil-pagi bejn is-sessi fl-UE bħalissa hija ta' madwar **16 %**, filwaqt li d-differenza fil-pensjonijiet bejn is-sessi hija għolja daqs **40 %**.

Sir af aktar

Żur:

<https://europa.eu/!dt48jH>

Ingħaqad magħna fuq il-midja soċjali



ec.europa.eu/social



Social Europe



@EU_social

© L-Unjoni Ewropea, 2019

L-istampi © Shutterstock

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni

Print: ISBN 978-92-79-96891-4 doi: 10.2767/695369 KE-06-18-258-MT-C

PDF: ISBN 978-92-79-96865-5 doi: 10.2767/184812 KE-06-18-258-MT-N



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet